# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. numru 2740/97 GV**

**Doris Borg u zewgha Joseph Borg**

**vs**

**Marie Midolo u Paul Midolo ghan-nom u in rappresentanza tal-iskola St. Catherine's High School**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Jannar, 1999, fil-kawza fl-ismjiet premessi, dik l-Ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, u ghalhekk tichad it-talbiet tal-atturi.

**L-appell ta' l-atturi**

2. L-atturi appellaw mill-imsemmija sentenza ghal dak li jirrigwarda din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-aggravju li gej:-

Huwa tajjeb li jigu nkwadrati l-fatti fil-qosor. L-esponenti kienet teacher tal-Malti fl-iskola St. Catherine, u kellha kwestjoni minhabba li ma kenitx qed tithallas kif kellha tithallas u minhabba f'hekk gie terminat l-impjieg taghha. Hija ressqet l-ilment taghha quddiem it-Tribunal Industrijali, u konsegwentement gie deciz li hija kellha "arbitrio boni viri" tithallas ammont imma ma kienx fl-ahjar interess tal-iskola li tmur lura. Hija ghamlet it-talba taghha f'anqas minn sena minn tali decizjoni.

Minn dan ghalhekk konfrontat mal-istess sentenza appellata jirrizultaw is-segwenti aggravji:-

A. Il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artiklu 2147. Hu presunt li dan jirreferi ghalll-paragrafu (a) "l-azzjonijiet tas-surmastrijiet jew ghalliema ta' xjenzi jew ta' arti, ghal-lezzjonijiet li jaghtu bil-gurnata jew bix-xahar". Sa fejn jafu l-esponenti, l-Malti ghalkemm jista' jintuza b'arti kbira u huwa lsien li jwassal il-hsieb, mhux la arti u l-anqas xjenza.

Imma hemm ukoll aspett iehor. Dan il-paragrafu, qed jigi sottomess, japplika ghal dawk li jaghtu l-lezzjonijiet direttament lid-debitur. Mhux il-lezzjonijiet li jqabbad id-debitur li jinghataw lill-istudenti. Hekk forsi wiehed jista' jghid li japplika dan l-artiklu u jistghu jinvokawh l-istudenti

kontra l-iskola imma mhux l-iskola kontra l-istudenti jew l-ghalliema li jkunu impjegati maghhom.

B. Il-Qorti semmiet ukoll l-artiklu 2151. Dan ghandu bicca ohra mieghu. Jekk ikun hemm xi kitba japplika t-terminu ta' hames snin.

C. L-esponenti jissottomettu li t-terminu kellu jkun ta' hames snin, ghaliex japplika dak li hemm mahsub fl-artiklu 2156 (d), u cioe' pagament dovut lill-ghalliema, li kienet tithallas bix-xahar, u ghalhekk japplika "l-azzjoni …… ta' dak kollu li jithallas bis-sena jew kull tant zmien iehor anqas minn sena."

D. Ghal kull buon fini qed jinghad li f'dan il-kaz, kien hemm disgwid mhux imputabbli lill-Qorti. Incidentalment l-atturi ma gewx notifikati, u darba inzerta li waqt li l-Avukat sottoskritt kien fl-Awla tal-Master qallu biex jaghti ruhu b'notifikat, u kien hemm differiment li ma giex segwit. Imma hawn xi tratta ta' gustizzja li tohrog cara mic-citazzjoni u mid-dikjarazzjoni tal-atturi li hija wkoll prova.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 1999, fl-ismijiet premessi, u minflok tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, u tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghas-smiegh tal-mertu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellata.

**<u>It-twegiba tal-konvenuti konjugi Midolo nomine ghar-rikors tal-appell tal-atturi</u>**

**3.** L-appellati konvenuti wiegbu hekk:-

(i) Illi s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 1999, fil-kawza fl-ismijiet premessi hija gusta, legalment korretta u jisthoqqilha tigi konfermata;

(ii) Illi l-aggravji mressqin mill-atturi appellanti huma infondati, kif ukoll huma kontestati l-fatti msemmija minnhom, partikolarment li l-attrici tkecciet mill-impieg minhabba kwestjoni dwar hlasijiet li nqalghet bejnha u l-iskola. Ir-raguni tat-tkeccija taghha kienet marbuta ma mgibitha lejn l-awtoritajiet tal-iskola, u s-superjuri taghha.

(iii) Illi l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali kienet esklussivament dik li tara jekk it-tkeccija tal-attrici mill-impieg, li sehhet fit-2 ta' Dicembru, 1994, kenitx ghal raguni gusa u sufficjenti. Id-decizjoni tat-Tribunal, fil-fatt, ikkonfermat li l-impieg tal-attrici ntemm bit-tkeccija, u ma ordnatx ir-re-instatement. Ir-rabta kontrattwali bejn l-esponenti u l-attrici, ghalhekk, intemmet f'Dicembru, 1994. Quddiem it-Tribunal Industrijali, ma kien hemm l-ebda vertenza ohra bejn il-partijiet, u, senjatament, l-atturi qatt ma kienu ressqu xi talba (la bil-fomm u wisq anqas bil-miktub) dwar irregolarita' ta' hlasijiet;

(iv) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk kienet korretta fis-sentenza taghha, u l-applikazzjoni tal-artikolu 2147 (c) hija korretta. L-esponenti ma jifhmux ghaliex l-appellanti jirreferu ghal u jsejsu l-aggravju taghhom fuq l-inciz (a) tal-artikolu 2147, billi dan qatt ma gie nvokat, la mill-esponenti u lanqas fis-sentenza appellata;

(v) Illi, ghall-kuntrarju, l-esponenti rriferew ghall-artikolu 2147 (c) ghax dan jirreferi ghal "persuni ohra mhallsin bix-xahar, …... ghall-hlas …….. tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu." Dan kien l-artikolu li japplika ghall-kaz tal-attrici. Marbut mieghu hemm l-artikolu li japplika ghall-kaz tal-attrici. Marbut mieghu hemm l-artikolu 2151 (1) li japplika l-imsemmi perjodu presrkittiv anke jekk is-servizzi jew qadi iehor li tieghu qieghed jintalab il-hlas jissoktaw;

(vi) Illi l-artikolu 2151 (2) imsemmi mill-appellanti ma japplikax zgur ghax mhux biss l-esponenti ma accettaw qatt il-pretensjonijiet tal-atturi appellanti, imma tali pretensjonijet lanqas biss qatt saru (la bil-fomm u lanqas bil-miktub) qabel giet intavolata c-citazzjoni, madwar tliet (3) snin wara li ntemm l-impieg tal-attrici;

(vii) Illi daqstant iehor mhux applikabbli l-artikolu 2156 (d), billi dan japplika biss dwar imghaxijiet fuq ammonti mghoddija b'self jew b'titolu iehor lill-parti mharrka, li zgur ma kienx il-kaz f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-appellati jissottomettu li l-appell interpost mill-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

**4.** L-atturi ntavolaw citazzjoni kontra l-konvenuti appellati fuq pretensjoni specifika ta' "kreditu …….. rapprezentanti nuqqas ta' hlasijiet li saru lill-attrici meta kienet impjegata bhala teacher". L-Ewwel Qorti ddecidiet billi laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellati u dan billi rriferiet ghall-artikolu 2147 (c) tal-Kap 12.

**5.** Jidher car mill-appell intavolat li l-atturi mhumiex jaqblu dwar liema terminu preskrittiv kien talvolta applikabbli ghall-kaz. Di fatti huma jaghmlu accenn li <u>se mai</u> kellu japplika terminu itwal ta' hames (5) snin jew a tenur tal-artiklu 2151 jew ta' l-artiklu 2156 (d). Id-diffikulta' pero' fl-aggravju tal-atturi appellanti gej mill-fatt li bhala provi huma ressqu ftit li xejn billi <u>ex admissis</u> qabzitilhom id-data li fiha kellha tinstema' l-kawza u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Rinfaccjati b'dan in-nuqqas ta' provi, l-atturi jissottomettu fir-rikors ta' appell, li madanakollu "hawn si tratta ta' gustizzja li tohrog cara mic-citazzjoni u mid-dikjarazzjoni tal-atturi li hija wkoll prova." Illi ghalkemm huwa minnu li d-dikjarazzjoni guramentata tista' titqies bhala prova, pero' din il-Qorti mhijiex ukoll daqstant konvinta li l-atturi resqu xi prova li t-talba taghhom

ma kenitx effettivament preskritta. Mill-atti tal-kawza ghandu invece jirrizulta li l-impieg tal-attrici kien gie mitmum fit-2 ta' Dicembru 1994 mentri l-kawza in ezami giet intavolata fit-28 ta' Novembru 1997. Il-kawza li l-atturi ghamlu kontra l-appellati quddiem it-Tribunal Industrijali ma kenitx relatata ma' xi kreditu vantat mill-attrici imma kienet dwar tkeccija ingusta mill-impieg. Illi ghandu jinghad li apparti l-artiklu 2147 (c) tal-Kap 12 – preskrizzjoni ta' sena f'kaz ta' "persuni ohra mhallsin bix-xahar .. ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji", hemm imbaghad ukoll l-artiklu 2148 tal-Kap 12, li jistipula l-preskrizzjoni ta' 18-il xahar dwar l-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena ghall-hlas tas-salarju taghhom.

**6.** Illi mill-mument li gie tterminat l-impieg tal-attrici ghandu certament jirrizulta li allura "non si trattava" aktar ta' servizzi li jissuktaw. Illi l-atturi bl-ebda mod ma wrew x'kienu ezattament il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-hlasijiet tal-attrici appellanti. Illi kif giet impostata c-citazzjoni jidher li l-preskrizzjoni li kellha tigi applikata, galadarba din giet invokata espressament mill-parti konvenuta, din kellha tkun il-preskrizzjoni qasira,u definittivament mhux dik kwinkwennali kif gie sottomess mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

cb